# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Marzu 2013 - Nru. 364*



# Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

Il-post fejn ġie msallab Sidna Ġesu' Kristu kien jissejjaħ 'Il-Qorriegħa', bil-Lhudi Golgota. Din kienet daqsxejn ta' Għolja barra l-ħitan ta' Ġerusalemm. Illum qiegħda ġewwa l-belt li kibret xi ftit maż-żmien, fejn dan il-post magħruf ukoll bħala l-Kalvarju, illum jinsab fl-istess Bażilika fejn insibu wkoll il-qabar ta' Kristu.

F'dan ix-xenarju niftakru fl-ikbar Imħabba ta' Alla lejna l-bnedmin, meta tana lil Ibnu l-Waħdieni li ta ħajtu għalina fuq is-Salib....Imħabba li ma tistax tispjegaha bil-kliem. Għalhekk din l-Imħabba ser ngħixuha u niċċelebrawha mit-28 sal-31 ta' Marzu. Dawn il-ġranet sbieħ ta' Tifkira mhux biss irridu niċċelebraw darba f'sena u nieqfu hemm, iżda li ngħixuha kuljum u f'kull ħin tal-ġurnata.

Mela ejjew inkunu ta xhieda ta' dak li niċċelebraw, nemmnu u nittamaw fiH.

Tkunu mberkin!
P.Joseph Mamo ofm.Conv.



# Ħsieb Spiritwali

## Tislima lill-Papa Benedittu XV1



***'Wara li għal diversi drabi eżaminajt il-kuxjenza tiegħi quddiem Alla, jiena ninsab konvint illi saħħti, minħabba l-eta' avvanzata, m'għadhiex tgħinni kif suppost biex inkompli nwettaq dan il-Ministeru.'***

U b'dan il-kliem, il-Papa Benedittu XV1 irrinunzja għall-ministeru tiegħu wara tmien snin fuq it-tron ta' San Pietru, filwaqt li ħasad lill-1.2 biljun fidili madwar id-dinja u anke lill-konsulenti l-aktar viċin tiegħu. Id-deċiżjoni iebsa li ħa l-Papa kienet kuraġġuża ħafna meta tqis illi marret kontra tradizzjoni ta' sitt sekli. L-aħħar Papa li kien għamel bħalu kien Gregorju X11 fl-1415, seba' mitt sena ilu. Fi kliem l-Isqof Awżiljarju Charles Scicluna*, 'fil-Knisja nitkellmu bil-mijiet ta' snin, għax ilna hawnhekk elfejn sena, u għandna l-wegħda tal-Mulej li se nibqgħu hawn sal-aħħar, għax is-setgħat tal-infern m'humiex se jegħlbuha.'*

Kienet deċiżjoni diffiċli għal Benedittu XV1, kif qal hu stess nhar l-Erbgħa Ras ir-Randan 2013: ***'Grazzi, f'dawn il-ġranet li ma kienux ħfief għalija, jiena ħassejt il-qawwa tat-talb – tat-talb tagħkom – li l-imħabba tal-Knisja tatni. Komplu itolbu għalija, għall-Knisja u għall-Papa futur.'*** Benedittu XV1 huwa kunfidenti li d-deċiżjoni tiegħu m'hix se tweġġgħa lil Knisja. Huwa jgħid li jagħmel kuraġġ għax jaf ċert ***' li l-Knisja hija ta' Kristu, li qatt m'hu se jieqaf jiggwidaha u jieħu ħsiebha'***, u li l-fidili għandhom jagħmlu l-qalb.

Mal-aħbar tar-riżenja tal-Papa, ħafna minna staqsew għaliex hu ma baqax jaqdi din is-sejħa sal-mewt, kif wara kollox għamlu l-Papiet ta' qablu, b'mod speċjali l-Papa Ġwanni Pawlu 11, li minkejja t-tbatija kbira tal-mard, ta xhieda lid-dinja u kien qal illi huwa ma riedx jinżel minn fuq is-salib. Ħafna stqarrew il-fehma illi din ma kinitx deċiżjoni illi Benedittu X1V ħa f'salt, imma kien ilu żmien twil jiddixxerni x'inhi r-rieda t'Alla għalih. Forsi lanqas

ma kienet kumbinazzjoni li huwa għażel l-isem ta' Benedittu, isem il-qaddis kbir li għex ħajja kontemplattiva u waqqaf monasteri għal dan il-għan. Fil-fatt, fl-Enċiklika ***Spe Salvi*** (2005), jitkellem hekk dwar ir-reliġjużi li għażlu ħajja kontemplattiva u ta' talb 'il bogħod mill-istorbju tad-dinja: *'il-ġeneru uman jgħix bis-saħħa ta' ftit, kieku ma kienux huma, id-dinja tintilef'.* U hija propju għal din is-sejħa li huwa se jwieġeb. Huwa qal illli issa ***'Nixtieq inservi b'mod sħiħ lil Knisja Qaddisa ta' Alla fil-futur b'ħajja ddedikata lit-talb.'*** U tajjeb illi aħna bħala Nsara, filwaqt illi nirringrazzjaw lil Josef Ratzinger, inkomplu nitolbu għalih.

Skond Georg Ratzinger, saċerdot ta' 89 sena u li jiġi ħu Benedittu XV1, il-Papa preżenti laħaq eta' illi vera ftit mill-predeċessuri tiegħu waslu għaliha. Dan għax, filwaqt li l-mediċina għamlet avvanzi kbar u tawwlet il-ħajja tal-bniedem, ma jfissirx illi l-moħħ u l-ġisem tal-anzjani li jgħixu fit-tul jibqgħu jiffunzjonaw tajjeb. Georg qal illi fil-verita', fix-xjuħija, il-ġisem jibda jmajna sew, u ħuh il-Papa għandu 86 sena, eta' li mhux kulħadd jesperjenza. Georg Ratzinger jgħid illi *'nixtieq li issa t-tnejn li aħna ma jkollniex aktar problemi kbar ta' saħħa, sakemm l-għażiż Ġesu' Kristu jiġi biex jeħodna miegħu'.* Benedittu XV1 stess jgħid illi biex isservi ta' Papa fid-dinja tal-lum, għandek bżonn saħħa fiżika u mentali, illi hu, fl-umilta' kbira tiegħu, qiegħed jirrikonoxxi illi m'għadx għandu. Barra minnhekk, Benedittu XV1 esperjenza mill-qrib it-tbatija enormi ta' Ġwanni Pawlu 11 u tal-Knisja fl-aħħar snin ta' ħajtu, u ma xtaqx li l-Knisja terġa' tgħaddi minn dan f'dawn iż-żminijiet. Allura, peress li l-liġi tal-Knisja fil-fatt tippermetti li Papa jieqaf mill-ministeru tiegħu, Benedittu XV1 għażel li jagħmel dan għall-ġid tal-Knisja. Anke Ġwanni Pawlu 11, darbtejn kien kiteb ittra ta' riżenja f'każ li jasal fi stat li ma jkunx kapaċi jkompli.

Benedittu XV1 huwa bniedem b'moħħ brillanti u profond ħafna, iżda ta' karattru ġwejjed u kwiet, u qatt ma kien iħobb jidher. L-hena tiegħu, fost oħrajn, hija li jdoqq il-pjanu. Fil-fatt, huwa qatt ma ried isir Papa, u l-pjan tiegħu kien li jirtira f'pajjiżu l-Ġermanja u jkompli jikteb il-kotba. Ħuh Georg Ratzinger, qabel l-aħħar Konklavi meta staqsewh setax isir Papa ħuh Josef Ratzinger, kien qal: '*Nittama li l-kalċi jibqa' għaddej u ma jieqafx ħdejh'*. Għax li tkun Papa m'hijiex xi pożizzjoni li wieħed jgħir għaliha, minkejja li hemm l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, jgħid il-Kardinal Kanadiż Marc Ouellet. Anzi, hija responsabbilta' tal-biża' li ħadd ma jimbotta lilu nnifsu għaliha. Benedittu XV1 kien iħares lejn il-Papat tiegħu bħala kontinwazzjoni tal-Papat ta' dak ta' qablu, li dam Papa 26 sena u li kellu karattru ferm differenti. Dan, Benedittu XV1, għarfu, u dawk ta' qribu jgħidu li huwa qatt ma ried jipprova jimita lil Ġwanni

Pawlu 11, iżda dejjem ipprefera li jkun hu u ma jilbisx maskri. Fl-umilta' tiegħu, huwa rrikonoxxa wkoll illi qatt ma seta' jkollu r-rapport illi Ġwanni Pawlu 11 kien bena mal-popli, u lanqas ma kellu l-istint politiku tiegħu. Pero' ma nistgħux ninsew lanqas li kien Benedittu XV1 li kellu l-kuraġġ u r-rieda li jiġġieled b'determinazzjoni l-problema tal-pedofelija fil-Knisja.

Fr. Robert Barron, teologu u saċerdot Amerikan illi jmexxi l-website ***wordonfire***, jgħid illi l-Papa Benedittu XV1 kellu rispett enormi lejn it-tron ta' Pietru. Huwa ma kienx iħares lejn dan il-poter bħala li huwa tiegħu sal-mewt, anzi ħass illi la darba ma jistax jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu, għandu jwarrab. Ġwanni Pawlu 11 kellu spiritwalita' differenti, hu kien jemmen illi hu obbligat li jibqa' jagħti xhieda ta' ħajja li tbati imma mimlija mħabba. Minn naħa l-oħra, Benedittu XV1 fehem b'mod irraġunat u kkalkulat illi l-Knisja ma tistax ikollha Papa li m'hux b'saħħtu u kapaċi jwettaq iżjed din il-missjoni tant diffiċli. Hawnhekk nifhmu wkoll illi l-Mulej ma jitlobx minna l-istess sagrifiċċji, iżda jkellem lil kull wieħed minna b'mod differenti u b'mod personali.

Il-Kardinal Timothy Dolan, Arċisqof ta' New York, filwaqt li qal li hu kien ixxokkjat bl-aħbar, ikkummenta hekk: *'Il-Papa ħa d-deċiżjoni bil-qalb tenera ta' ragħaj, bil-moħħ intelliġenti ta' skolar u bil-kunfidenza ta' ruħ magħquda m'Alla f'kull ma tagħmel. Ir-riżenja tiegħu hija sinjal ieħor tal-imħabba kbira li għandu lejn il-Knisja. Aħna qalbna sewda li hu se jitlaq, imma grati għat-tmien snin ta' għotja totali bħala s-suċċessur ta' Pietru.'*

Bid-deċiżjoni tiegħu, Benedittu XV1 ħalla preċedent u ta rigal kbir lil Knisja, biex issa dawk kollha li jiġu warajh ikunu liberi illi jekk iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, jistgħu jagħmlu l-istess.

Ngħalqu bi kliemu stess lill-fidili f'Ras ir-Randan: ***'Il-wiċċ tal-Knisja hu kultant sfigurat. Qed naħseb fid-dnubiet kontra l-għaqda fil-Knisja. Kristu ma jridx ipokrezija reliġjuża, attitudni li tfittex iċ-ċapċip u l-approvazzjoni tal-oħrajn. Id-dixxiplu veru ma jservix lilu nnifsu jew lill-pubbliku, imma lil Mulej, fis-sempliċita' u l-ġenerożita'.................***
***'Illum ma nistgħux inkunu Nsara għax sempliċiment twelidna ġo soċjeta' li għandha egħruq Insara. Anki dawk li twieldu ġo familji Nsara, kuljum, iridu jġeddu l-għażla li jkunu Nsara, li jagħtu lil Alla l-ewwel post, u ma jċedux għat-tentazzjonijiet ta' soċjeta' sekularizzata, u għall-kritika ta' dawk ta' madwarhom.' .*** Fuq kollox, għall-Benedittu XV1, l-akbar att ta' karita' li tista' tagħmel mal-proxxmu huwa li twassallu l-Aħbar it-Tajba tal-Vanġelu, li Alla huwa Imħabba.

# ĦAJJA U ĦIDMA

**Il-Ġimgħa 1** L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.
Fis-7.30pm It-tielet u l-aħħar laqgħa tal-Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ minn P.Andrew Galea ofm.conv.

**Is-Sibt 2** L-Ewwel Sibt tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.
5.15pm – Fil-Parroċċa tibda l-Adorazzjoni.
Il-ġbir dan il-weekend imur għas-Seminaristi.

**Il-Ħadd 3** It-Tielet Ħadd tar-Randan. 10.00am Quddiesa għat-tfal u l-ġenituri tagħhom. Jista' jattendi kulħadd

**L-Erbgħa 6** 9.00am – Quddiesa u Coffee Morning fiċ-Ċentru Parrokkjali, organizzat mill-Kumitat Festa. Ħallu isimkom fis-Sagristija.

**Il-Ħamis 7** L-Ewwel Ħamis tax-xahar. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa f'nofs in-nhar. Fl--4.30pm QRAR waqt il-ħin tad-duttrina għal dawk li jattendu d-duttrina fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ħadd 10** Ir-Raba' Ħadd tar-Randan. 10.00am Quddiesa għat-tfal u l-ġenituri tagħhom. Jista' jattendi kulħadd.

**L-Erbgħa 13** Fl-4.30pm QRAR waqt il-ħin tad-duttrina għal dawk li jattendu d-duttrina fil-Mużew tal-Bniet.

**Il-Ħamis 14** Fl-4.30pm QRAR waqt il-ħin tad-duttrina għal dawk li jattendu d-duttrina fil-Mużew tal-Bniet.

**Il-Ġimgħa 15** Pellegrinaġġ għar-Redentur tal-Isla. 9.00am Tluq minn ħdejn il-Knisja. Ħallu isimkom fis-Sagristija jew infurmaw lil Helpers tas-soltu.
4.30pm It-Tieni laqgħa għall-ġenituri li t-tfal tagħhom ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fiċ-Ċentru Parrokkjali.

# – MARZU 2013

Fis-7.00pm It-Tieni laqgħa għall-ġenituri u l-parrini li t-tfal tagħhom ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof din is-sena.

**Is-Sibt 16** DRAMM TAL-PASSJONI mtellgħa miż-żgħażagħ tagħna fil-Knisja Parrokkjali.

**Il-Ħadd 17** Il-Ħames Ħadd tar-Randan 10.00am – Quddiesa għat-tfal u l-ġenituri tagħhom. Min irid jista'jattendi.
10.45am – Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**It-Tlieta 19** **Festa ta' San Ġużepp -** Fit-8.30am quddiesa extra

**L-Erbgħa 20** 4.30pm – Quddiesa għat-tfal kollha li jattendu d-Duttrina fil-Knisja Parrokkjali. It-tfal huma mħeġġa biex dak in-nhar iġibu l-Karus ta' Mħabba li ngħatalhom mill-Katekisti sabiex nippreżentawhom lid-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi.
Fis-6.45pm – Lectio Divina fil-Knisja wara l-quddiesa

**Il-Ġimgħa 22** **Jum Devozzjonali tad-Duluri**
**Programm Duluri**



5.10am Rużarju
5.30am Quddiesa
6.15am Quddiesa
12.30pm Quddiesa għall-Ħaddiema
5.30pm Via Sagra
6.00pm Quddiesa
6.45pm Pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri fejn jingħad ir-Rużarju Meditat. Tgħaddi minn dawn it-Toroq: Triq Burmarrad, Triq id-Dwieli, Triq l-Insolja, Triq Manwel Bonniċi, Triq San Pawl Milqi, Triq il-Papa Ġwanni 11, Triq il-Magħsar sal-Knisja.
7.45pm Wara li tidħol il-purċissjoni ssir quddiesa

**Is-Sibt 23** Fis-7.15pm – Kunċert fil-Knisja u wara Tberik tal-Mejda tal-Appostli.

# Ġimgħa Mqaddsa

**Il-Ħadd 24 Ħadd il-Palm**

- Fit-8.15am Qabel il-quddiesa jsir it-Tberik tal-friegħi taż-Żebbuġ fuq iz-zuntier. It-tfal huma mħeġġa jilbsu lbies Lhudi. Issir purċissjoni minn fuq iz-zuntier għall-Knisja.
- Fit-8.30am Quddiesa solenni
- Ikompli l-Bazaar tal-Għid

**It-Tnejn 25** Fil-Quddiesa tas-6.15pm ssir Ċelebrazzjoni Penitenzjali

**It-Tlieta 26** Fis-6.15pm Quddiesa fejn jingħadu t-tlett Salmi fuq il-Passjoni ta' Kristu miktubin minn San Franġisk.
Fis-7.15pm Via Sagra fi Triq San Pawl Milqi minn ħdejn il-Premier tal-karozzi 'l fuq u Triq il-Ġdida fi Triq San Pawl Milqi..

**L-Erbgħa 27** Fis-6.15pm Quddiesa bil-ħsieb fuq it-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid.
Fis-7.00pm Nitilqu minn ħdejn il-Knisja biex nattendu l-Via Sagra Nazzjonali Djoċesana fil-Belt Valletta. Min hu nteressat jattendi jħalli ismu fis-sagristija

**Il-Ħamis 28 Ħamis ix-Xirka**

- Fis-7.30am Talb Komunitarju
- Bejn il-4.30pm u l-5.30pm ikollna servizz tal-qrar.
- Fis-6.15pm Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-ħasil tar-riġlejn, li tkun animata mill-Kor tal-Parroċċa. Wara jkollna r-repożizzjoni tal-Ewkaristija fl-artal.
- Fit-8.30pm Adorazzjoni Komunitarja. Min jixtieq jattendi magħna għall-viżti fis-Seba' Knejjes fit-8.00pm iħalli ismu fis-sagristija.

**Il-Ġimgħa 29 Il-Ġimgħa l-Kbira Jum ta' Sawm u Astinenza**

- Fis-7.30am Talb Komunitarju
- Fis-9.30am Adorazzjoni Komunitarja għat-Tfal kollha tal-Parroċċa. (nofs siegħa)
- Fit-3.00pm Ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej

**Is-Sibt 30 Sibt il-Għid**

- Fis-7.30am Talb Komunitarju
- Bejn is-6.00pm u t-8.00pm ikollna servizz tal-qrar
- Fit-8.00pm Ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' l-Għid. Tkun animata bil-Kant mill-Kor tal-Parroċċa.

Ma ninsewx indawwru l-arloġġ.

**Il-Ħadd 31 L-Għid il-Kbir**

- Fit-8.30am Wara l-Quddiesa jsir it-tberik tal-figolli u l-ħelu tal-Għid.
- Mill-lum il-Quddiesa ta' fil-għaxija tkun fis-7.00pm, inkluż fost il-ġimgħa.




STAVROS
σταυρος
Dramm tal-passjoni
imtella' miż-Żgħażagħ
tal-Parroċċa
Burmarrad
IS-SIBT 16 TA' MARZU 2013
7.00pm
Dħul b'Xejn
Fil-Knisja ta' Burmarrad
PARROĊĊA QALB BLA TEBGHA TA' MARIJA - BURMARRAD
SENA TAL-FIDI
20
sena
1993
Drammi - Burmarrad
2013




Il-Grupp "Mensa Apostolorum" tal-
Parroċċa ta' Burmarrad
jistieden

---

nhar is-Sibt 23 ta'Marzu 2013
fis-19:15
fil-Knisja Parrokkjali ta' Burmarrad
għall-Kunċert ta' mużika Sagra minn
*brass ensamble* u wara għat-tberik
tal-wirja tal-mejda tal-Appostli
armata fl-istess Knisja

## L-GĦID IT-TAJJEB
## LILL-FAMILJI KOLLHA
## TAL-PARROĊĊA

# Tajjeb Tkun Taf

- Matul ir-Randan Imqaddes, hemm il-qfief ħdejn il-Bibien tal-Knisja biex jinġabru donazzjonijiet tal-Ikel għat-tfal tal-Istitut ta' Fra Diegu u għall-Familji fil-bżonn.
- Nhar Ħadd il-Palm 24 ta' Marzu, it-tfal huma mħeġġa jilbsu ta' Tfal Lhud għall-Funzjoni li tibda fit-8.15am fuq iz-Zuntier tal-Knisja. Għall-ilbies kellmu lis-Superjura Carmen Xuereb. Tħallux għall-aħħar ġurnata.
- Nhar Ħamis ix-Xirka Żjara għas-Seba' Knejjes. Tluq fit-8.00pm. Ħallu isimkom fis-sagristija jew lil helpers tas-soltu.
- Bazaar tal-Għid is-Sibt 23 u l-Ħadd 24 ta' Marzu. Issibu figolli u pjanti u oġġetti oħra.
- Nifirħu u nawguraw lil Min.Provinċjal Alfred Calleja, P.Guido Muscat, P.Ruġġier Camilleri, P.Samwel Chetcuti u P.Baskal Magro tal-Provinċja Franġiskana Konventwali tagħna li matul dan ix-xahar ta' Marzu qed jiċċelebraw l-għeluq il-50 sena tas-Saċerdozju tagħhom. Nawgurawlhom u Nitolbu għalihom.

## LOTTERIJA

**Qed issir Lotterija organizzata mill-Kumitat Festa li t-Tlugħ tagħha ser isir f'Jum l-Għid il-Kbir 31 ta' Marzu 2013.**

**Premju HAIER 32 inch LCD T.V.**

**Prezz: Biljett 2 euro - 3 Biljetti 5 euro-8 Biljetti 10 euro.**

**Il-biljetti tistgħu tiksbuhom mingħand il-Membri tal-Kumitat Festa jew mill-uffiċċju tal-Kappillan.**